**PRESS RELEASE 35/2019**

**16 ta' Diċembru 2019**

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

# Il-medjokrita' u r-rgħiba jridu jiġu megħluba

Il-Laqgħa Ġeneral Annwali tal-Kamra tal-Periti saret fis-6 ta' Diċembru 2019 fl-Istitut Kattoliku, Floriana.

Il-Perit Simone Vella Lenicker, President tal-Kamra tal-Periti, iddeskriviet l-aħħar tnax-il xahar bħala "straordinarji". Il-Kunsill kien fassal pjan ambizzjuż għas-sena 2019, u ħadem bis-sħiħ sabiex jilħaq dawn l-għanijiet minkejja l-kriżi li għaddew minnha l-professjoni u l-industrija fix-xhur tas-sajf wara l-kollass ta' numru ta' binjiet, it-twaqqif ħesrem ta' xogħolijiet ta' twaqqiegħ u ta' skavar, u l-introduzzjoni mgħaġġla ta' regolamenti ġodda li ma ndirizzawx il-problemi li hemm fil-qofol ta' l-industrija.

Hi spjegat li kien sar progress sostanzjali fuq l-emendi proposti għall-Att dwar il-Periti, u li l-proposti tal-Kamra għal Qafas ġdid ta' Regolamenti tal-Bini u tal-Kostruzzjoni kienu ġew milqugħa b'mod pożittiv mill-*istakeholders* kollha fl-industrija. Hi rreferiet ukoll għad-diversi bidliet fl-industrija li l-Kamra saħqet dwarhom matul l-aħħar sena, u li l-Gvern ikkommetta li jwettaq permezz ta' Ittra ppreżentata lill-Kamra tal-Periti f'Awwissu li għadda.

Il-Perit Vella Lenicker irrikonoxxiet li l-isfida ta' din is-sena kellhom impatt serju fuq il-professjoni. "Is-sitwazzjoni politika attwali u l-isfidi serji li l-industrija ser taffaċċja fix-xhur li ġejjin ser jitfgħu dell itqal fuqna bħala individwi, bħala professjoni u bħala industrija." Minjejja dan, il-Kunsill jibqa' kommess, bis-sostenn tal-professjoni, li jaħdem bis-sħiħ "sabiex jintlaħqu livelli għola ta' servizz, u sabiex noħorġu l-industrija mill-medjokrita' u r-rgħiba li ħakmuha."